MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1903/1999/1

**Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku u b'digriet tal-14 t'Ottubru, 2010, l-Awtorita` tat-Trasport f'Malta giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza minflok l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**

**vs**

**MPS Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-25 t'Awwissu, 1999, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura datata l-15 ta' Settembru, 1995, l-Awtorita` attrici nkarigat lis-socjeta` konvenuta biex tmexxi l-attivita` ta' reklamar fuq karozzi tal-linja;

2. Illi l-istess socjeta` konvenuta obbligat ruhha li taghmel il-pagamenti dovuti kif indikat fl-istess skrittura;

3. Illi s-socjeta` konvenuta hi moruza f'dawn il-pagamenti u qed tirrifjuta li thallas aktar pagamenti skont kif pattwit;

4. Illi hemm dovut is-somma ta' mitejn u hdax –il elf, sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM211,650.00), oltre l-imghaxijiet kummercjali;

5. Talbet ghalhekk ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Awtorita` attrici s-somma fuq indikata oltre l-imghaxijiet kummercjali dovut sal-hlas;

ii. Bl-ispejjez u b'riserva ghall-ammonti ulterjuri dovuti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-18 t'April, 2000, li permezz taghha eccepiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi preliminarjament is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex taghti l-ammont mitlub lill-Awtorita` attrici;

2. Illi mhix moruza fil-pagamenti peress li l-kuntratt fuq riferit gie xolt *ipso jure a tenur* ta' l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc;

3. Illi l-Awtorita` ghandha tesebixxi prospett dettaljat biex isiru l-verifiki necessarji;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta wkoll datata t-18 t'April, 2000, li permezz taghha ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-Awtorita` attrici ghamlet sejha ghall-offerti biex isir reklamar fuq il-karozzi tal-linja b'*tender* datat is-16 ta' Gunju, 1995;

2. Illi s-socjeta` konvenuta ghamlet l-offerta taghha a bazi tal-istess u tal-fatt li r-reklami kellhom jitwahhlu fuq iz-zewg nahat tal-korozzi tal-linja;

3. Illi l-offerta tas-socjeta` konvenuta giet milqugha u gie stipulat il-kuntratt fuq riferit bejn il-kontendenti;

4. Illi mill-bidu nett, is-socjeta` konvenuta sabet diffikultajiet fosthom li 100 karozza tal-linja minn 508 setghu jiehdu reklami fuq zewg nahat u ohrajn ma qaghdux ghad-direttivi taghha;

5. Illi kienu biss 112 il-karozza tal-linja li accettaw ir-reklamar;

6. Illi ghalkemm dawn id-diffikultajiet ingiebu a konjizzjoni tal-Awtorita` attrici is-sitwazzjoni ghaddiet mill-hazin ghall-aghar;

7. Illi ghal ragunijiet imputabbli lill-Awtorita` attrici, is-socjeta` konvenuta ma setghetx tkompli tezegwixxi l-inkarigu taghha u konsegwentement invokat l-artikolu 117 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ protest datat is-6 ta’ Jannar, 1999, u b’hekk xoljiet il-kuntratt in dizamina;

8. Illi s-socjeta` konvenuta qed issofri danni konsiderevoli;

9. Illi hi l-Awtorita` attrici li hi unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta;

10. Illi konsegwentmeent titlob lill-qorti biex:

i. Tiddeciedi u tiddikjara xjolta l-iskrittura tal-15 ta’ Settembru, 1995, *a tenur* tal-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc;

ii. Tiddikjara l-Awtorita` attrici responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` konvenuta;

iii. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta` konvenuta;

iv. Tikkundanna lill-Awtorita` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imghaxijiet legali dovuti;

v. Bl-ispejjez kif mitluba fl-istess kontro-talba;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta datata l-5 ta' Gunju, 2000, li fiha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi t-talba tas-socjeta` konvenuta hi perenta *ai termini* tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili;

2. Illi l-kuntratt in dizamina imkien ma kien isemmi n-numru ta' vetturi li kellhom jintuzaw li fil-fatt kien ikun jista' jithaddem kieku kien hemm biss 100 vettura kif jidher mill-mod ta' pagament;

3. Illi f'kull kaz is-socjeta` konvenuta ma setghetx titlob ir-rexissjoni unilateralment ghaliex l-Awtorita` attrici ma naqset mill-ebda obbligazzjoni kontrattwali;

4. Illi jekk kien hemm xi nuqqas da parti tas-sidien tal-karozzi dan zgur ma kienx tort tal-istess Awtorita`;

5. Illi s-socjeta` konvenuta lanqas titlob ir-rexissjoni meta hi stess baqghet thaddem il-kuntratt;

Rat in-nota datata t-2 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorita` precedenti, (ara fol 314);

Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu l-partijiet gew awtorizzati, fuq indikazzjoni

taghhom stess, li t-trattazzjoni ssir b'mod skritt u orali bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 341);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati l-20 t'Awwissu u l-10 t'Ottubru, 2012, (ara fol 344 u fol 355 kif ripetuta a fol 367 rispettivament);

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi skont l-Awtorita` attrici l-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna hi naxxenti minn ftehim pattwit bejn il-kontendenti fil-15 ta' Settembru, 1995, (ara fol 4 *et sequitur*);

2. Illi a bazi tal-istess ftehim indikat fil-paragrafu precedenti l-Awtorita` attrici hatret lis-socjeta` konvenuta biex tmexxi r-reklamar fuq il-karozzi tal-linja;

3. Illi s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha taffettwa l-pagamenti pattwiti fl-istess skrittura;

4. Illi s-sidien tal-karozzi tal-linja naqsu milli jikkooperaw mas-socjeta` konvenuta fosthom billi:

i. Ir-reklami imwahhla fuq il-vetturi kienu jinqalghu;

ii. Il-vetturi kienu jinzammu mahmugin;

5. Illi dan l-agir effettwa lis-socjeta` kovnenuta billi ma bdietx tonora l-kuntratti li kienet ikkonkludiet ma' terzi ghar-reklamar fuq dawn il-vetturi;

6. Illi s-socjeta` konvenuta malajr sabet ruhha moruza fil-konfront tal-Awtorita` attrici, u l-ammont *de quo* tela' ghal erba' mija u tlieta u disghin elf u sitta u erbghin

Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€493,046.82), oltre l-imghax kummercjali dovut;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta sintetikament issostni s-segwenti:

1. Illi l-Awtorita` attrici ghamlet sejha ghall-offerti ghal reklamar fuq il-karozzi tal-linja, ghal dawk l-entitajiet interessati li jipprovdu servizz ta':

"organisation and management of display of advertisements on route buses";

2. Illi fl-istess sejhiet ghall-offerti l-Awtorita` attrici infurmat lil kull min seta' kien interessat li r-reklami kienu jistghu jintwerew fuq 500 karozza tal-linja;

3. Illi l-kuntratt in dizamina kien iffirmat mill-kontendenti fil-15 ta' Settembru, 1995;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk minn ezami preliminari jirrizulta assodat is-segwenti:

1. Illi kien hemm sejha ghall-offerti mahruga mill-Awtorita` attrici;

2. Illi s-socjeta` konvenuta issottomettiet l-offerta taghha fir-rigward li giet accettata mill-Awtorita` *de quo*;

3. Illi kif tammetti l-istess socjeta` konvenuta "ma kien jezisti l-ebda *bus audit* … li jistabbilixxi b'mod oggettiv in-numru ta' xarabanks li fuqhom seta' jsir ir-reklamar, il-mudelli differenti, d-dettalji tas-sidien … u dettalji ohra";

4. Illi ghandu jkun pacifiku li tali analizi hu d-dover tas-socjeta` konvenuta u bl-ebda mod ma jezimiha mir-

responsabbilita` li tonora l-kuntratt minnha liberament iffirmat;

Ikkunsidrat:

Illi skont il-kuntratt fuq indikat datat il-15 ta' Settembru, 1995, l-istess socjeta` konvenuta liberament intrabtet biex taffettwa r-riklami in dizamina u taffettwa l-pagamenti fil-modalita` delineata fil-paragrafu 8 tal-istess kuntratt, (ara fol 10);

Illi tenut kont tal-principju "*pacta sunt servanda*" ghandu jigi sottolineat li sakemm ma jkunx hemm raguni insita biex jigi rexiss ftehim regolarment pattwit, dan ghandu jigi enforzat b'regolarita`;

Ikkunsidrat:

Illi r-ragunijiet li s-socjeta` konvenuta tipprezenta in sostenn tat-tezijiet taghha riprodotti fl-eccezzjonijiet taghha u fil-kontro-talba minnha pprezentata jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-karozzi tal-linja jahdmu r-rotot moghtija lilhom b'mod erratiku;

2. Illi hafna mill-karozzi tal-linja jinzammu maghluqa fil-garaxx taghhom, anke ghall-perjodi ta' tlett (3) gimghat shah;

3. Illi ammont sostanzjali minnhom ma kienux jahdmu u li fil-fatt, mill-ammont ta' 508 originarjament indikat kienu madwar 112 biss li kienu effettivament jahdmu fir-rotot pre-stabbiliti u juru r-reklami;

4. Illi l-karozzi tal-linja kienu jinzammu mahmugin;

5. Illi hafna mir-reklami kienu jigu mqattghin;

Ikkunsidrat:

Illi pero` kif tammetti l-istess socjeta` konvenuta, (ara fol 355 paragrafu 6), qabel ma gie konkluz il-kuntratt meritu tal-kawza odjerna ma sar l-ebda studju preventiv fir-rigward biex operatur jiehu stampa preciza ta’ dak li jkun ser jikkommetti ruhu ghalih;

Illi ghandu jkun pacifiku li l-oneru ta’ dan l-ezercizzju kellu jkun fuq l-istess socjeta` konvenuta li kellha d-dover kummercjali li tara fejn kienet ser tinvesti r-rizorsi taghha;

Illi hu inutili li tilmenta fir-rigward stante li dan l-oneru jmiss lilha – u lilha biss ghaliex hu l-oneru taghha li qabel ma tikkommetti ruhha tara ghal xiex kienet ser tidhol;

Illi galadarba kkommettiet ruhha kontrattwalment, allura assumiet kull responsabbilita` hemm pattwita u ma tistax tezimi ruhha min tali responsabbilita` billi targumenta nuqqas imprenditorjali taghha stess;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` konvenuta ssostni wkoll li unilateralment xoljiet il-kuntratt in dizamina *ai termini* tal-artikolu 117 tal-Kap 13, u dan, permezz ta’ protest datat is-16 ta’ Jannar, 1999;

Illi f’dan ir-rigward ghandu jinghad li l-artikolu 1068 tal-Kap 16 li fuqu jistrieh l-artikolu citat fil-paragrafu precedenti, jistabbilixxi li tali azzjoni unilaterali tista’ ssehh biss kemm –il darba wiehed mill-partijiet jonqos mill-obbligazzjonijiet minnu kontrattwalment assunti;

Illi ghall-kjarezza l-imsemmi artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

“Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha:

Izda, f’dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx *ipso jure* u l-qorti tista’, skont ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-

konvenut, bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh";

Illi ghalhekk jehtieg li jigi ribadit is-segwenti:

1. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument isehh xi nuqqas fl-obbligazzjonijiet assunti minn parti f'kuntratt bilaterali, l-effett tal-istess mhux dak li jgib ir-rexissjoni awtomatika tal-kuntratt kif qed tippretendi s-socjeta` attrici;

2. Illi l-istess hu dejjem sottomess ghall-analizi gudizzjarja fejn jista' jaghti l-kaz li anke jinghata zmien xieraq lill-konvenut, fost affarijiet ohra;

Ikkunsidrat:

Illi *nonostante* dan it-trapass ta' zmien kollu riskontrat, fejn addirittura anke l-karozzi tal-linja in dizamina gew ukoll ikkonsenjati lill-istorja, dak allegat mis-socjeta` konvenuta fil-fazi tal-offerta ma jirrizultax ipprovat stante li d-dokument *de quo* lanqas biss instab;

Ikkunsidrat:

Illi konsiderat is-suespost jibqa' l-fatt li hawn *si tratta* ta' kuntratt regolarment pattwit bejn il-partijiet hawn illum kontendenti fejn ma rrizulta l-ebda agir li jippermetti lis-socjeta` konvenuta tezimi ruhha mir-responsabbilitajiet minnha stess liberament assunti fil-kuntratt tal-15 ta' Settembru, 1995, fuq riferit u ghalhekk, dan l-istess kuntratt irid issa jigi enforzat kont il-ligi;

Illi ghalhekk din il-qorti sodisfatta li l-Awtorita` attrici pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta MPS Limited thallas lill-Awtorita` attrici, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, s-somma ta' erba' mija u tlieta u disghin elf u sitta u erbghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu,

(€493,046.82), bl-imghaxijiet kummercjali dovuti mill-25 t'Awwissu, 1999, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Ghar-ragunijiet ukoll fuq esposti tirrespingi l-kontro-talbiet sottomessi mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement takkolji l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` attrici hemm ukoll kontenuti;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta MPS Limited.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------